# STQARRIJA UNIVERSALI DWAR ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM (1948)

## DAĦLA

Billi l-għarfien tad-dinjità u l-ugwaljanza tad-drittijiet hija l-bażi tal-ħelsien, tal-ħaqq u tal-paċi fid-dinja,

Billi t-tkasbir u ż-żebliħ tad-drittijiet tal-bniedem ġabu magħhom azzjonijiet kiefra li weġġgħu l-kuxjenza tal-umanità  u l-miġja ta' dinja fejn il-bnedmin ikunu ħielsa li jitkellmu u jemmnu, meħlusa mill-biża' u mill-miżerja, kienet proklamata bħala l-ogħla xewqa tal-bniedem,

Billi hu essenzjali li d-drittijiet tal-bniedem ikunu mħarsa bil-ħakma tal-liġi biex il-bniedem ma jkunx imġiegħel, fl-aħħar mill-aħħar, li jqum kontra t-tirannija u l-moħqrija,

Billi hu essenzjali li tippromwovi l-iżvilupp ta' relazzjonijiet bejn il-ħbieb u bejn il-ġnus,

Billi l-popli tal-Ġnus Magħquda xandru mill-ġdid fl-Istatut tagħhom it-twemmin tagħhom fid-drittijiet fundamentali tal-bniedem, fid-dinjità u l-valur tal-persuna umana, fid-drittijiet ugwali tal-irġiel u tan-nisa, u ddeterminaw  li jġibu 'l quddiem il-progress soċjali u joħolqu kundizzjonijiet ta’ ħajja aħjar f'libertà akbar,

Billi l-Istati Membri wiegħdu biex, flimkien mal-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda, jiżguraw ir-rispett universali u effettiv tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali,

Billi hemm qbil komuni li dawn id-drittijiet u l-libertajiet huwa ta’ importanza kbira biex titwettaq din il-wegħda,

Għalhekk,

L-Assemblea Ġenerali xandret din l-istqarrija universali tad-drittijiet tal-bniedem bħala għan komuni biex jintlaħaq mill-popli u mill-ġnus kollha, ħalli kull bniedem u kull organu tas-soċjetà, billi jżommu dejjem quddiemhom din l-istqarrija, iħabirku biex bit-tagħlim u bl-edukazzjoni jġibu 'l quddiem ir-rispett għal dawn id-drittijiet u l-libertajiet u biex jiżgurawlhom, b'miżuri progressivi, nazzjonali u internazzjonali, l-għarfien u l-ħarsien universali u effettiv, kemm fost il-popli tal-Istati Membri nfushom, kif ukoll fost dawk tal-artijiet taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

## Artiklu 1.

Il-bnedmin kollha jitwieldu ħielsa u ugwali fid-dinjità u d-drittijiet. Huma mogħnija bir-raġuni u bil-kuxjenza u għandhom iġibu ruħhom ma' xulxin bi spirtu ta' aħwa.

## Artiklu 2.

Kulħadd hu intitolat għal dawn id-drittijiet u l-libertajiet imxandra f'din l-istqarrija, bla ebda għażla, bħal ta' razza, lewn, sess, ilsien, reliġjon, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, proprjetà, twelid jew kull qagħda oħra. Mhux biss, m’għandha ssir l-ebda distinzjoni fuq bażi tal-qagħda politika, ġuridika jew internazzjonali tal-pajjiż jew territorju li minnu tiġi l-persuna kemm jekk il-pajjiż ikun indipendenti, kemm jekk ikun fdat lil xi pajjiż ieħor, kemm jekk m'għandux gvern tiegħu jew jekk għandux xi limiti oħra fis-sovranità tiegħu.

Artiklu 3.

Kull bniedem għandu d-dritt għall-ħajja, għall-ħelsien u għas-sigurtà tal-persuna tiegħu.

L-Artiklu 4.

Ħadd m'għandu jinżamm ilsir jew fi stat li jixbah lil dak ta' lsir; l-iskjavità u n-negozju tal-ilsiera fl-għamliet kollha tagħhom, m'għandhomx jitħallew isiru.

Artiklu 5.

Ħadd m'għandu jingħata tortura,kastig jew trattament aħrax.

Artiklu 6.

Kulħadd għandu d-dritt li jintgħaraf kullimkien bħala persuna quddiem il-liġi.

Artiklu 7.

Kulħadd huwa ndaqs quddiem il-liġi u għandhom id-dritt bla ebda diskriminazzjoni għall-protezzjoni ugwali mil-liġi. Kollha għandhom id-dritt għall-protezzjoni ndaqs kontra kull tip ta’ azzjoni li tmur kontra din l-Istqarrija u kontra kull provokazzjoni għal diskriminazzjoni bħal din.

Artiklu 8.

Kulħadd għandu d-dritt quddiem it-tribunali nazzjonali kompetenti għal rimedji effettivi kontra l-ksur tad-drittijiet fondamentali li lilu huma magħrufa mill-kostituzzjoni jew mil-liġi.

Artiklu 9.

Ħadd m'għandu jitħalla jkun imħarrek, miżmum il-ħabs jew eżiljat għal xejn b'xejn.

Artiklu 10.

Kulħadd għandu d-dritt, b'ugwaljanza sħiħa, li jkun mismugħ bil-ħaqq u fil-pubbliku minn tribunal indipendenti u imparzjali li jiddeċiedi d-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu jew xi akkuża kriminali kontrieh.

Artiklu 11.

1. Kull min hu mixli bi ħtija li jistħoqqilha kastig għandu d-dritt li jkun meqjus bla ħtija sakemm il-ħtija tiegħu tkun pruvata skont il-liġi fi proċess pubbliku li fih ikollu l-garanziji kollha meġtieġa biex jiddefendi ruħu.
2. Ħadd m'għandu jkun ħati ta’ kwalunkwe offiża penali jew ommissjoni li ma kkawżatx offiża penali, li fiż-żmien meta twettqu, ma kinux ħtijiet li jistħoqqilhom kastig skont il-liġi nazzjonali jew internazzjonali. Lanqas m'għandu jingħata kastig ikbar minn dak li kien jingħata meta twettqet il-ħtija.

Artiklu 12.

Ħadd m'għandu jkollu għal xejn b'xejn indħil fil-ħajja privata tiegħu, fil-familja tiegħu, f'daru jew fl-ittri tiegħu, u lanqas m'għandu jbati minn attakki fuq l-unur u l-reputazzjoni tiegħu. Kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni mil-liġi kontra kull indħil jew attakki bħal dawn.

Artiklu 13.

1. Kulħadd għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor bil-libertà u li jagħżel fejn joqgħod 'il ġewwa mill-fruntieri ta' kull stat.
2. Kulħadd għandu d-dritt li jħalli pajjiż, ukoll dak tiegħu,u li jerġa' lura f'pajjiżu.

Artiklu 14.

1. Kulħadd għandu d-dritt li jfittex u jgawdi f'pajjiżi oħra l-kenn mill-persekuzzjoni.
2. Dan id-dritt ma jistax jintuża fil-każ ta' persekuzzjonijiet fondati tassew fuq ħtija kontra l-liġi komuni jew fuq għemejjel kontra l-għanijiet u l-prinċipji tal-Ġnus Magħquda.

Artiklu 15.

1. Kulħadd għandu d-dritt għan-nazzjonalità.
2. Ħadd m'għandu jkun imċaħħad għal xejn b'xejn min-nazzjonalità tiegħu, lanqas mid-dritt li jbiddilha.

Artiklu 16.

1. L-irġiel u n-nisa li għandhom l-età tagħhom taż-żwieġ, għandhom id-dritt jiżżewġu u jwaqqfu familija mingħajr xkiel minħabba r-razza, in-nazzjonalità jew ir-reliġjon tagħhom. Huma għandhom drittijiet indaqs għaż-żwieġ, kemm matul iż-żwieġ u anke meta jinħall.
2. Iż-żwieġ m'għandux isir mingħajr il-ftehim ħieles u sħiħ taż-żewġ għarajjes.
3. Il-familja hi l-element naturali u fondamentali tas-soċjetà u għandha d-dritt għall-protezzjoni mis-soċjetà u mill-Istat.

Artiklu 17.

1. Kulħadd għandu d-dritt għall-proprjetà kemm tiegħu waħdu kif ukoll bi sħab m'oħrajn.
2. Ħadd m'għandu għal xejn b'xejn ikun imċaħħad minn ġidu.

Artiklu 18.

Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon. Dan id-dritt iħaddan il-libertà li wieħed ibiddel ir-reliġjon jew il-konvinzjoni tiegħu u li jkun ħieles, kemm waħdu jew m'oħrajn, fil-beraħ jew fil-privat, jistqarr ir-reliġjon jew il-konvinzjoni tiegħu fit-tagħlim, fl-għemejjel, fil-qima u fil-ħarsien tagħhom.

Artiklu 19.

Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà li jżomm l-opinjoni tiegħu u li jfissirha. Dan iħaddan id-dritt li wieħed iżomm opinjonijiet mingħajr indħil u li jkun jista' jfittex, jirċievi u jgħaddi tagħrif u ideat bil-mezzi li jidhirlu, mingħajr ma jagħti kas ta' fruntieri.

Artiklu 20.

1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà, li jiltaqa' u jissieħeb ma' oħrajn fil-paċi.
2. Ħadd m'għandu jkun imġiegħel li jissieħeb f'xi għaqda.

Artiklu 21.

1. Kulħadd għandu d-dritt li jieħu sehem fil-gvern ta' pajjiżu, direttament jew permezz ta' rappreżentanti magħżulin mingħajr ebda restrizzjoni.
2. Kulħadd għandu d-dritt ugwali li jidħol għas-servizzi pubbliċi ta' pajjiżu.
3. Ir-rieda tal-poplu għandha tkun is-sies tal-awtorità tal-gvern; din ir-rieda għandha tintwera f'elezzjonijiet ġenwini li għandhom isiru minn żmien għal żmien li fihom jivvota kulħadd b'vot indaqs u sigriet jew inkella skont proċeduri bħalhom li jiżguraw il-libertà tal-vot.

Artiklu 22.

Kulħadd, bħala membru tas-soċjetà, għandu d-dritt għas-sigurtà soċjali u għandu d-dritt li jissodisfa, permezz tal-isforz nazzjonali u l-kooperazzjoni internazzjonali u skont l-organizzazzjoni u r-riżorsi ta' kull Stat, id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali li mingħajrhom ma jistax iżomm id-dinjità tiegħu u jiżviluppa bil-libertà l-personalità tiegħu.

Artiklu 23.

1. Kulħadd għandu d-dritt għax-xogħol, għall-għażla ħielsa tal-impjieg, għal kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u favorevoli u għall-protezzjoni mill-qgħad.
2. Kulħadd, bla ebda għażla, għandu d-dritt għal ħlas u għal xogħol indaqs. Kull min jaħdem għandu d-dritt għal ħlas ġust u favorevoli li jiżgura lilu u lill-familja tiegħu għajxien li jixraq lid-dinjità umana, u li jkun protett, jekk jeħtieġ, permezz ta’ kull mezz ieħor ta' protezzjoni soċjali.
3. Kulħadd għandu d-dritt jifforma "trade unions" u jissieħeb fihom għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu.

Artiklu 24.

Kulħadd għandu d-dritt għall-mistrieħ u għall-btajjel u speċjalment għal limitazzjoni raġonevoli tal-ħin tax-xogħol u vaganzi perjodiċi mħallsin.

Artiklu 25.

1. Kulħadd għandu d-dritt għal livell ta' ħajja suffiċjenti biex jiżguralu saħħtu, għajxien tajjeb għalih u għall-familja tiegħu, speċjalment f'dak li hu ikel, ilbies, dar, kura medika kif ukoll servizzi soċjali meħtieġa; għandu wkoll id-dritt għas-sigurtà f'każ ta' qgħad, mard, diżabilità, armla, xjuħija u fil-każi l-oħra meta minħabba ċirkostanzi li m'għandux kontroll fuqhom, jitlef il-mezzi tal-għajxien.
2. L-ommijiet u t-tfal għandhom id-dritt għal kura u għajnuna speċjali. It-tfal kollha, kemm jekk twieldu fiż-żwieġ, kemm barra minnu, għandhom igawdu l-istess protezzjoni soċjali.

Artiklu 26.

1. Kulħadd għandu d-dritt għall-edukazzjoni. L-edukazzjoni għandha tkun b'xejn, għallinqas fil-gradi elementari u fundamentali tagħha. L-edukazzjoni elementari għandha tkun obbligatorja. L-edukazzjoni teknika u professjonali għandu jkun jista' jagħmel użu minnha kulħadd; l-edukazzjoni universitarja għandha tkun miftuħa b'mod ugwali għal dawk kollha li jistħoqqilhom.
2. L-edukazzjoni għandha jkollha bħala għan l-iżvilupp sħiħ tal-personalità umana u li ssaħħaħ ir-rispett għal drittijiet u għal-libertajiet fundamentali tal-bniedem. Hi għandha tħeġġeġ il-ftehim, it-tolleranza u l-ħbiberija fost in-nazzjonijiet, ir-razez jew il-gruppi reliġjużi kollha u għandha tmexxi 'l quddiem il-ħidmiet tal-Ġnus Magħquda għaż-żamma tal-paċi.
3. Il-ġenituri għandhom l-ewwel id-dritt li jagħżlu l-għamla ta' edukazzjoni li tingħata lil uliedhom.

Artiklu 27.

1. Kulħadd għandu d-dritt li jieħu sehem bil-libertà fil-ħajja kulturali tal-komunità, li jgawdi l-arti u li jaqsam fil-progress xjentifiku u fil-ġid li jġib miegħu.
2. Kulħadd għandu d-dritt li jkollu l-protezzjoni għall-interessi morali u materjali tiegħu meta hu l-awtur ta' produzzjoni xjentifika, letterarja jew artistika.

Artiklu 28.

Kulħadd hu intitolat għal ordni soċjali u internazzjonali li fih id-drittijiet u l-libertajiet imxandra f'din l-Istqarrija jkunu jistgħu jitwettqu tassew.

Artiklu 29.

1. Kulħadd għandu dmirijiet lejn il-komunità li fiha biss jista' jwettaq l-iżvilupp ħieles u sħiħ tal-personalità tiegħu.
2. Fit-tħaddim tad-drittijiet u tal-libertajiet tiegħu, kull wieħed għandu jkollu biss dawk il-limitazzjonijiet li jiġu mil-liġi li għandha biss bħala għan li tiżgura l-għarfien u r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn u li tissodisfa dak li ġustament jitolbu l-morali, l-ordni pubbliku u l-ġid komuni f'soċjetà demokratika.
3. Dawn id-drittijiet u l-libertajiet ma jistgħu fl-ebda każ jitħaddmu kontra l-għanijiet u l-prinċipji tal-Ġnus Magħquda.

Artiklu 30.

Xejn f'din l-Istqarrija ma jista' jkun mifhum li jagħti lil xi Stat, għaqda jew persuna d-dritt li jagħmel xi ħidma jew li jwettaq xi għemil bil-għan li jeqred xi drittijiet jew libertajiet li huma mxandra hawnhekk.